# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt          Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 7/2018

14 ta' Ġunju 2018

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-2:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi-Sindku |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

7.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus kien ikkuntatjaha f'nofsinhar għaliex għalkemm kien għamel it-talba sabiex jiġi skużat mix-xogħol din ma ġietx milqugħa.

7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

7.2.2 Is-Sindku qal illi rigward punt 6.2.1 illi Triq Dun Karm Lia tiġi One Way (ma jitilgħux karozzi l-fuq) kienet ġiet approvata minn Transport Malta u t-tabelli kienu wehlu. Is-sindku qal illi kellu feedback fejn jidher li l-problema taffiet xi ftit u jidher li t-traffiku miexi aħjar. Is-Sindku qal li ghandu ftehim mal-LESA sabiex filghodu tibqa' tibghat il-wardens.

7.2.3 Is-Sindku qal illi kien għamel kuntatt mas-Sinjura Liz Vassallo tal-LESA biex ittina tagħrif sabiex tiġi nstallata kamera fi Triq iz-Zurrieq. Huwa qal illi l-ewwel irid isir Traffic Assessment minn Perit li l-prezz sabiex dan isir jibda minn €2,000. Imbagħad wara t-talba taghna flimkien mat-traffic assessment jiġi aġġudikat minn bord li jiddeċiedi jekk għandhiex teħel il-kamera. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel għandna nistennew sakemm titlesta Triq il-Kuċċard u Triq Barcellona sabiex naraw jekk tagħmilx sens li nibqgħu għaddejjin sabiex nagħmlu kamera.

7.2.4 Is-Sindku qal illi (ref punt 6.2.2) il-bokka kienet infethet mill-Water Services. Kien ġie ukoll il-kuntratur sabiex jara fejn tista' ssir il-bokka ghall-arja. Pero' kif nizlu fix-xelter sabu li kien hemm hafna ilma, tajn u gebel u hemm bicca xoghol kbira sabiex dan jitnaddaf qabel isir ix-xoghol.. Huma ssuggerew li l-ilma u t-tajn li hemm fix-xelter ghandu jithalla jinxef ghal kollox qabel jibda jitnaddaf. Il-Kuntrattur kien tal-istess opinjoni.

7.2.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-wardens kellhom imqar jagħtu ħmistax qabel ma jibdew jagħtu ċ-ċitazzjonijiet fi Triq Dun Karm Lia. Is-Sindku qal li kien tkellem mas-Sinjura Liz Vassallo tal-LESA u qalla li se jaghtu cans gimgha qabel jibdew jehlu c-citazzjonijiet. Hija qaltlu li fil-ligi ma hemm xejn stipulat kemm irridu nhallu pero' hija prerogattiva taghna u tal-LESA kemm naghtu zmien. Fl-opinjoni taghha, li tajna gimgha cans kien ragonevoli hafna.

7.2.6 Is-Sindku qal illi (ref punt 6.2.5) ix-xogħol fi Triq San Tumas kien ser jibda u li diġa' kien beda bit-tindif. Huwa qal ukoll li t-tabelli kienu lesti mwaħħlin. Is-Sindku qal illi l-mains tal-ilma diġa' kienu nbiddlu u li importanti li la jibda x-xogħol it-triq tkun magħluqa sew.

Is-Sindku qal illi kien irċieva suġġeriment illi meta titlesta bl-asfalt Triq San Tumas għandha ssir sleeping police sabiex il-karozzi ma jsuqux ħafna u jitnaqqas il-periklu. Ma kienx hemm qbil li jsiru sleeping police pero' l-Kunsill qabel li l-ewwel naraw kif immorru bit-triq asfaltata qabel niehdu xi tip ta' azzjoni.

7.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex mexxejna l-applikazzjoni sabiex jitneħħew il-wires tad-dawl minn mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali. Id-

Deputat Segretarju qalet illi l-permess għadu ma ħariġx allura ma setgħetx tmexxi l-applikazzjoni.

7.2.8 Is-Sindku qal illi ref punt 6.3.1 il-kuntratt tat-triq fiz-zona Ta' Gawhar sal-borehole kien gie aggudikat u l-ħsieb kien li jibdew ix-xogħolijiet il-gimgħa ta' wara.

7.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kienx hemm xi misunderstanding ref punt 6.3.2 minħabba l-Viċi-Sindku. Is-Sindku qal li wara l-laqgha kien rega' kellem lill-organizzatur is-Sur Roderick Cachia sabiex jerga' jkellem lis-Sur Francis Callus. Pero' skont ma qallu l-organizzatur wara li rega' kellmu, is-Sur Francis Callus qallu li diga' kellu booking ghal attivita' oħra qabel u oħra ghal jumejn wara u allura kienet se tkun impossibbli biex jieħu sehem f'din l-attivita' ukoll.

Is-Sindku qal illi l-attivita' ta' Qamar il-Għasel kienet success. Kellna programm mimli u varjat ħafna li laqat il-gosti tal-familja kollha u attendew numru konsiderevoli ta' nies specjalment filghodu. Kien ukoll ircieva feedback pozittiva hafna dwar l-attivita' minn diversi persuni, kemm dawk li jghixu fir-rahal taghna u anke minn individwi minn barra r-rahal taghna. Jemmen ukoll li dejjem ghandna naraw x'nistghu nirrangaw u ntejjbu ghal darba ohra.

7.2.10 Is-Sur Carlo Stivala qal illi f'laqgħa preċidenti konna ddiskutejna l-problema illi fi Triq ta' Rqajja hekk kif tipparkja karozza fil-kantuniera, jkollok toħroġ ħafna l-barra sabiex tkun tista' tara jekk humiex ġejjin karozzi. Il-Kunsill qabel illi għalkemm ma jixtieqx illi jitnaqqas parking imkien,  jekk hemm periklu għandhom isiru double yellow lines fejn tidjieq it-triq u għalhekk minn ikun ħiereġ minn Trejqet Tarsu jkun jista' jara lil min ġej. Pero' is-Sindku fakkar li ghal dan il-ghan diga' kien hemm mera mill-kbar nett imwahhla mal-faccata biex wiehed jara min hu gej minn isfel minn Triq ta' Rqajja u li ghandna noqoghdu attenti qabel naghmlu xi haga ghax f'din it-triq diga' hemm problema kbira ta' parkegg kemm ilu li nbniet dik il-blokka kbira bl-appartamenti.

7.2.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kinux saru l-linji ref punt 6.4.3 u jekk kienetx waslet iż-żebgħa. Is-Sindku kkonferma li z-zebgha kienet waslet u li l-ħaddiema kienu diġa' bdew iduru jiffriskaw is-sinjali fosthom dawk fi Triq tal-Palma.

7.2.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fejn il-roundabout kien hemm siġra għandha bżonn tinżabar għaliex minn ikun fuq il-bank, hekk kif iqum jaħbat rasu magħha.

7.2.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex neħħejna l-bike racks mill-bandli. Is-sindku qal li kienu għad iridu jinqalgħu sabiex jitpoġġew f'Misrah San Mattew.

7.2.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex irranġajna sabiex tiġi nstallata l-clothes rack. Is-Sindku qal illi kien għad irid isir xi xogħol fl-area qabel ninstallawha.

7.2.15 Is-Sindku staqsa rigward ref punt 6.4.2 dwar il-kumment jekk konniex ser inżidu aktar play equipment. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi qabel kien hemm

tlieta tal-kbar u tnejn taż-żgħar. Il-Kunsillier Publio Abdilla qal forsi stajna nżidu bandla għal tfal akbar u nnota li għandna s-sellum in naħa tal-ħabel li jidher li għandu bżonn jitranġa xi ftit. Is-Sindku qal li bħala play equipment inġenerali, kemm għat-tfal u għall-adulti konna żidna ferm iktar milli kien hemm qabel, u minhabba f'hekk ma jaħsibx li hemm spazju fejn inżidu iktar. Id-Deputat Segretarju qalet illi huma bil-garanzija għalhekk għandna nkellmu lil kuntrattur.

7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku qal illi kien mar ma' ufficjal ta' Transport Malta ħdejn l-iskola fejn iddiskutew l-problema tal-ilma. Is-Sindku wera pjanti fejn qal illi l-perit ta' Transport Malta ħareġ bis-suġġeriment illi titwessa' l-bankina. Il-Kunsill ma qabilx minħabba illi hekk tidjieq it-triq.

7.3.2 Is-Sindku qal illi kien mar ma' ufficjal ta' Transport Malta ukoll fejn ir-razzett int u tiela' mit-triq tal-Karwija fejn is-sid dejjem jilminta illi l-karozzi jduru fuqu ezatt. Is-Sindku wera pjanti fejn il-perit ta' Transport Malta wkoll qiegħed jissuġerixxi illi għandna tinħoloq bankina sabiex jitnaqqas il-periklu. Il- Kunsill qabel illi għandha issir il-bankina pero' qabel ma ssir il-Kunsill għandu l-ewwel jikkonsulta ma sid ir-razzett.

7.3.3 Is-Sindku qal ukoll illi fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju l-Kunsill ser jerġa' jorganizza l-mawra madwar Malta u waqfa Kemmuna bil-Captain Morgan.

7.3.4 Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsilliera għandhom jaħsbu għal messaġġ tal-fuljett.

7.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq il-Kuċċard jeħtieġ li nibagħtuhom jitfgħu l-valenu għaliex kien hemm ħafna ġrieden.

7.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi Fi Triq il-Kuċċard fejn tgħaqqad ma Triq Dun Karm Lia fejn spiċċaw bit-tarmac tat-triq hemm ħumbata kbira. Is-Sindku qal illi din hija triq fir-responsabbilita' ta' Transport Malta u x-xogħol għandu jsir minn naħa tagħhom.

7.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq ta' Rqajja int u nieżel fejn tidjieq it-triq hemm ħofra sabiex tigi rranġata.

7.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-ħajt tas-sejjieħ li hemm fi Triq il-Kuċċard huwiex ser jiġi bil-konkrit. Is-Sindku qal illi skont Transport Malta, l-ERA ma tħallix illi tenders għal ħitan tas-sejjieħ ikollhom specifikat sabiex isir il-konkrit fuq il-ħitan, u l-kuntrattur li għamel il-ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Kuċċard ma riedx illi jagħmel il-konkrit bla ma jitħallas.

7.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet ukoll illi kellha l-ħsieb illi torganizza ġurnata Sqallija għall-ewwel ġimgħa ta' Awwissu.

7.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala qal illi f'Settembru bejn it-23 u 29 ta' Settembru kull reġjun ser ikollu ġurnata iddedikata fejn kulħadd jagħmel attivitajiet sportivi flimkien. Kull Kunsill jista' jiddeċiedi hu x'attivita sportiva jixtieq jagħmel u f'din l-attivita t-tfal kollha tal-iskejjel ser ikunu qiegħdin jieħdu sehem.

7.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'kien ġara rigward it-tlielaq ta' Birkirkara St. Joseph. Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ta d-dettalji għalfejn din l-attivita' kellha titħassar.

7.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kellha l-ħsieb li tibda torganizza xi ħaġa għas-sajf fis-Sala tal-Kunsill u staqsiet meta ma tkunx qiegħda tintuża s-sala.

7.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-Street Sign ta' Misraħ il-Knisja kienet maqsuma.

7.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien hemm xi bricks fil-ġnien. Is-Sindku kkonferma illi l-Ġnien tnaddaf.

7.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi triq ta' Rqajja int u nieżel u ddur hemm kanal tal-ilma maqlugħ sabiex jiġi rranġat.

7.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi hemm biċċa ta' art fi Triq ta' Rqajja mhix magħluqa fejn qiegħdin jitgħu ħafna imbarazz. Huwa qal illi xi żmien ilu konna bagħatna lil sid l-art pero' s'issa ma kien sar xejn. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi hija kienet tefgħet l-ittra fil-persjana għaliex id-dar fejn toqgħod is-sid m'għandix letter box. Il-Kunsill qabel illi għandna nikkuntatjaw lil Planning Authority sabiex jikkuntatjawha huma.

7.4.13 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi bejn il-Ħadd 3 ta' Lulju 2018 u l-Ħamis 7 ta' Lulju flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet għal konferenza ġewwa l-Bulgaria. Hija qalet illi din kienet it-tieni konferenza rigward il-Proġett tal-Structured Dialogue fejn il-questionnaires illi ġbarna minn fost iż-żagħżagħ ġew preżentati sabiex wara jgħaddu għand il-Kummissjoni Ewropeja. Hija qalet ukoll li kien unur kbir li rrapreżentaw lir-raħal ta' Ħal Safi f'isem Malta. Is-Sindku feraħ u rringrazzja lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv u lil Kunsilliera Joanna Abdilla tax-xoghol utli li ghamlu fuq dan il-progett.

7.4.14 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien rebaħ proġett ieħor li ser isir f'Sardenia fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru. Dan il-proġett ser ikun jirrigwardja l-Early School Leavers. Is-Sindku qal illi peress illi s-Sur Dorian Baldacchino huwa teacher u diġa' għandu esperjenza fuq programmi tal-Erasmus plus ser jitla għal dan il-proġett bħala leader.

7.4.15 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva e-mail mingħand persuna li toqgħod fi Triq il-Puniċi. Din il-persuna kienet qiegħda tilmina illi l-karozzi kienu qiegħdin jipparkjaw fil-kantuniera u li l-mera kienet żgħira wisq sabiex jidhru l-karozzi telgħin u niżlin. Minħabba f'dan qiegħda tissuġerixxi illi jsiru double yellow lines fil-kantuniera. Minħabba fil-problema tal-parkeġġ il-Kunsill ma qabilx pero' qabel illi għandha tikber il-mera li hemm.

7.4.16 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva e-mail mingħand l-Onorevoli Hermann Schiavone u l-Onorevoli Toni Bezzina sabiex isir mafkar fir-raħal ta' Ħal Safi f'ġieħ Pietru Pawl Busuttil. Id-Deputat Segretarju qalet illi jekk jaqbel il-Kunsill, għandu jiddentifika post addattat fejn isir il-bust u jieħu ħsieb il-permessi meħtieġa.

Is-Sindku qal illi jekk jaqbel il-Kunsill huwa ma jsibx oġġezzjoni u bħala post kien jaħseb illi idealment ghandu jkun x'imkien quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi għandna naċċettaw illi jsir dan il-bust għal fatt illi Pietru Pawl Busuttil kien l-ewwel Sindku u kien serva għal numru twil ta' snin fil-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-iskrizzjoni fuq il-bust ghandha idealment tkun l-istess bhal dik li kienet saret fuq il-plakka tas-sala tal-Kunsill u li fuq kollox il-Kunsill iżomm id-dritt li jiddeciedi dwar l-iskrizzjoni, il-kobor u fejn ghandu jeħel il-bust.

7.4.17 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva e-mail mingħand l-Onorevoli Julia Farrugia Portelli bix-xewqa li tirregala librerija sabiex titpoġġa fil-bandli. Din il-librerija ser tkun attrezzata bil-kotba b'kollox. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva u li din il-librerija ghandha titpogga fil-bandli peress li issa qed jigi ffrekwentat minn hafna nies.

7.4.18 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi t-tender għat-toroq u bankini kellu jiġi ppublikat nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju u kien ser jagħlaq nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju 2018.

7.4.19 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward e-mail mibgħuta mis-Sur Michael Farrugia. Id-Deputat Segretarju qalet illi kienet e-mail li kienet tirrigwardja l-mod ta' kif twaħħlu l-outdoor gym fil-bandli.

7.5 Extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal illi kien reġa' għadda ż-żmien sabiex issir l-extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva l-extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għal tlett xhur oħra.

7.6 Ftehim tan-Nursery

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien illu jistenna risposta wara d-diskussjonijiet li kienu saru dwar l-amalgamazzjoni tan-Nursery maz-Żurrieq. Is-Sindku qal illi d-Dipartiment ma qabilx mal-amalgamazzjoni u li jista' jsir biss ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u Żurrieq Wolves FC Nursery fejn jekk irid il-Kunsill ikun jista' jibqa' jaghti ghajnuna finanzjarja lin-nursery.

Is-Sindku qal illi l-ftehim tal-Kunsill li kieku seħħet din l-amalgamazzjoni kien illi l-Kunsill iħallas 20 Euros sussidju lil applikanti Ħal Safin, jintuża l-grawnd sintetiku tagħna u nħallsu nofs il-paga tal-Ħead Coach ta' 1600 euros fis-sena. Is-Sindku jemmen li l-Kunsill ghandu jibqa' jaghti s-sussidju lill-tfal minn Hal Safi u jibqa' joffri l-ground tal-football ghat-training. Il-Kunsill qabel. Rigward il-finanzjament il-Kunsill ihoss illi la l-ftehim ser ikun qiegħed biss b'kollaborazzjoni ma' Żurrieq Wolves u mhux amalgamazzjoni, ikun tajjeb li naraw kemm hemm tfal minn Hal Safi

li marru ma’ din in-nursery qabel niddeċiedu dwar l-ammont li l-Kunsill għandu jħallas. Il-Kunsill xorta jemmen li dan l-ammont ta’ 1600 euros għandu jonqos drastikament. Is-Sindku qal li se jitlob din l-informazzjoni lil Zurrieq Wolves qabel jiddeciedu dwar jekk ghandux isir hlas u kemm.

7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

7.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil- 4.45pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2018 fis-2:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | DeputatSegretarjuEzekuttiv |